Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 258/2010

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1099/2010 ipprezentat fil-25 ta' Marzu, 2010, fl-ismijiet:**

**Spridione Muscat**

**vs**

**Joseph Grech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur ta' Joseph Grech datat id-19 ta' Lulju, 2010, li permezz tieghu wara li ppremetta li nhareg 'il fuq imsemmi mandate kawtelatorju fl-ismijiet fuq indikati talab is-segwenti:

1. Illi tiddikjara illi ai termini ta' l-Artikolu 836 (1) (a) tal-Kap 12 il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru

1099/2010 ipprezentat fil-25 ta' Marzu, 2010, fl-ismijiet premessi, m'ghadux fis-sehh;
2. Illi tirrevoka l-imsemmi mandate ta' sekwestru kawtelatorju b'effett immedjat;
3. Illi tiddikjara illi ai termini ta' l-Artikolu 836 (8) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta s-sekwestrant minghajr raguni valida ma pprezentax il-kawza dwar it-talba tieghu fiz-zmien stabbilit bil-ligi, illi naqas milli jitlob lis-sekwestrat l-hlas ta' l-allegat dejn fi zmien hmistax –il jum qabel il-hrug tal-mandat, u li l-istess talba tieghu kienet wahda malizzjuza, frivola u vessatorja;
4. Illi tikkundanna lis-sekwestrat jhallas lir-rikorrenti penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disghin u sittin centezmu, (€1,164.69), u mhux izjed minn sitt elef disgha mija u tmienja u tmenin euro u tnax –il centezmu, (€6,988.12), ai termini ta' l-Artikolu 836 (8) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Bl-ispejjez;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Tirrileva li nonostante li l-intimat Muscat kien debitament notifikat bir-rikors fuq indikat bl-appuntament ghas-smiegh tal-istess rikors, ghazel li jibqa' kontumaci u qatt ma pprezenta ruhu ghall-ebda appuntament stabbilit minn din il-qorti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tar-rikorrenti Grech;

Ikkunsidrat:

Illi din hi procedura naxxenti minn mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug mill-intimat Muscat fil-konfront tar-rikorrent Grech;

Illi permezz ta' skrittura private datata s-26 ta' Mejju, 2010, konkluza bejn l-istess partijiet l-istess intimate Muscat jidentifika lilu nnifsu bhala @debitur@, (flimkien ma' martu Lucia, tar-rikorrent odjern fl-ammont ta' hamest elef tlett mija u disa' u hamsin Ewro, (€5,359.00), lilhom misluf mir-rikorrenti qabel Gunju, 2009;

Illi l-istess intimate Muscat, (u martu), intrabtu li jirrifondu l-imsemmi ammont bl-interessi ta' tmienja fil-mija, (8%), jew kull rata ohra legalment applikabbli;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk ma giex ippruvat li l-intimat Muscat intavola l-procedura legalment rikjesta in sosten tat-tezi tieghu, jekk kellu, wara li intavola l-mandat ta' sekwestu originali;

Illi di piu', jirrizulta li jekk wiehed mill-partijiet kellu dritt t'azzjoni dan kellu jkun ir-rikorrenti odjern u mhux l-intimat Muscat;

Illi in vista tal-premess din Il-qorti takkolji t-talbiet tar-rikorrenti Joseph Grech u konsegwentement:

1. Tiddikjara li ai termini tal-artikolu 836 (1) (a) tal-Kap 12 il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1099/2010 datat il-25 ta' Marzu, 2010, fl-ismijiet fuq indikati, m'ghadux fis-sehh;

2. Tiddikjara wkoll ai termini tal-artikolu 836 (8) tal-Kap 12 li l-intimat sekwestrant Muscat ma pprezentax il-kawza dwar it-talba tieghu fiz-zmien stabbilit, u dan, minghajr raguni valida, u konsegwentement it-talba kontenuta fl-imsemmi mandate kawtelatorju hi allura malizzjuza, frivola u vessatorja;

3. Rat finalment l-artikoli 836 (8) tal-Kap 12 u tikkundanna lill-intimat Muscat ihallas lir-rikorrenti Grech penali ta' elf u mitejn Ewro, (€1,200.00);

4. Bl-ispejjez mid-data tar-rikors odjern.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------